MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 229/2001/1

**Citazzjoni numru 229/01**
**KARTA CONVERTERS LIMITED**
**Vs**
**SHORELINE LIMITED**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi socjeta konvenuta hija debitrici versu s-socjeta attrici fis-somma ta' elf u disgha u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm1089.50), import ta' merkanzija lilha mibjugha u debitament ikkonsejata ghal Sliema Pitch kif jirrizulta minn invoice numru SL119, hawn anness u mmarkat Dokument A.**

**Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, izda baqghet inadempjenti;**

**Illi l-ammont dovut huwa veru,likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici;**

**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghahiex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-**
**1 Tiddecciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u**
**2 Tikkundana lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u disgha u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm 1089.50), import ta' merkanzija lilha mbjugha u debitament ikkonsenjata ghal Sliema Ptich kif jirrizulta minn invoice numru SL119, hawn anness u mmarkat Dokument A.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 23 ta' Jannar 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsejna tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ghalhekk is-socjeta atrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex :- 2**

**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;**

**Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;**

**Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tippresenta l-eccezzjonijiet taghha;**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2003;**

**Peress li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati, l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti;**

**Ghal dawn il-motivi:**

**Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici, bl-imghaxxijiet legali mis-17 ta' Jannar 2001 u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------